MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1618/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijet tal-assikurat taghha Carmel Bondin u l-istess Carmel Bondin**

**vs**

**Charles Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnax il-Lira Maltin u erbgha u tmenin entezmu (Lm212.84) rapprezentanti danni kagunati f'incident li sehh fl-24 ta' Mejju 2002 f'Conservatory Street, Floriana meta hgiega mill-appartament tal-konvenut waqghet fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 237 propjeta' ta' Carmel

Bondin waqt li din il-vettura kienet parkeggjata fl-istess triq. L-attur Carmel Bondin kien assikurat taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni minnu sofferti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata f'Marzu 2003 u bl--imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa ammetta r-responsabilita' ghall-incident izda huwa minkejja dan ikkontesta l-ammont mitlub stante li huwa eccessiv u ma jirriflettix il-hsara li garbet il-karozza.

Sema' x-xhieda ta' David Debono, PC 623 Emanuel Lia, Carmel Bondin, Joseph Muscat, Victor Bartolo, Charles Borg u Anna Pisani. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda danni kagunati fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCB 237 fl-24 ta' Mejju 2002. Din il-vettura, li hija propjeta' tal-attur Carmel Biondin, kienet regolarment parkeggjata quddiem id-Depot il-Furjana meta waqghet hgiega minn tieqa tal- fond Flat 3, Conservatory Street, Floriana u kkagunatilha danni fil-*bonnet u fil-windscreen*. Din il-vetura kienet assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha wara li saret il-*claim* relattiva, salv ghal Lm100.00 *Excess* li gie imhallas mill-attur Carmel Bondin. Fir-Risposta tieghu Il-konvenut ammetta r-responsabilita' ghal dak li kien gara izda ikkontesta il-*quantum* tad-danni reklamati mill-atturi.

L-atturi esebew is-*survey report* imhejji mis-*surveyor* minnhom imqabbad (esebit a fol. 62 u 63) u l-ircevuti relattivi ghall-hsarat kagunati fil-vettura tal-attur (kopji esebiti a fol. 42 sa 45).

Jidher li r-riparazzjonijiet saru skond is-*survey report*. Inoltre is-*surveyor* in kwisjtoni, Joseph Muscat xehed fis-seduta tat-12 ta' April 2005 u kkonferma li l-hsara riskontrata minnu fil-vettura in kwisjtoni kienet kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident de quo u cioe' ma kaz fejn taqa' higega fuq vettura. It-Tribunal bl-ebda mod ma jidhirlu li l-atturi naqsu mill-obblligu taghhom ta' danneggjati li jimminimizzaw id-danni. L-unika kontestazzjoni tal-attur fir-rigward hija li l-attur naqas milli jipprovdilu stima tal-hsarat meta gie mitlub jaghmel dan. L-attur jichad li huwa kien gie mitlub jipprovdi stima u it-Tribunal jidhirlu li x-xhieda moghtija mill-attur fir-rigward hija ferm aktar verosimili.. Fi kwalunkwe kaz irrizulta li l-attur kien interpella lill-konvneut ihallas id-danni minnu reklamati f'din il-kawza qabel ma giet intavoalta l-istess kawza u dan kien baqa' inadempjenti. Inoltre,  kif diga' ntqal aktar il-fuq, il-konvenut bl-ebda mod ma prova li l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jimminimizzaw id-danni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnax il-Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm212.84), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effetiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2003. ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------